C/2024/5391

3.9.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11559 – EXYTE / KINETICS

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/5391)

1. Fis-26 ta' Awwissu 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Exyte GmbH ("Exyte", il-Ġermanja), li fl-aħħar mill-aħħar hija kkontrollata minn Millenium Privatstiftung (l-Awstrija) li l-benefiċjarju aħħari tagħha huwa s-Sur Georg Stumpf, u minn BDT & MSD Capital Partners LLC (l-Istati Uniti),

— Kinetics Holding GmbH ("Kinetics", il-Ġermanja).

Exyte se takkwista, fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Kinetics kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Exyte hija kumpanija internazzjonali għad-disinn, l-inġinerija, l-akkwist u l-kostruzzjoni għall-industriji ta' teknoloġija avvanzata. Din isservi lill-klijenti fi swieq bħal tas-semikondutturi, il-batteriji, il-farmaċewtiċi, il-bijoteknoloġija, u ċ-ċentri tad-*data*.

— Il-Kinetics toffri lill-klijenti tagħha firxa komprensiva ta' servizzi ta' disinn u ta' installazzjoni għal soluzzjonijiet mekkaniċi u għal soluzzjonijiet relatati mal-proċessi, ix-xogħol sanitarju u tal-HVAC fil-kostruzzjoni ta' impjanti tal-produzzjoni u ta' laboratorji. L-enfasi hija fuq soluzzjonijiet tal-pajpijiet.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha tiġi speċifikata dejjem:

M.11559 – EXYTE / KINETICS

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").